MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2011

Appell Civili Numru. 1467/1995/1

**Silvana Caruana**

**vs**

**Mary Filippa Bondin u zewgha Clement Bondin bhala kap tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom,
u bhala amministratur tal-beni parafernali taghha**

**Il-Qorti;**

**Preliminari;**

B'citazzjoni pprezentata fis-16 ta' Ottubru, 1995 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Civili l-attrici ppremettiet li bi skrittura tal-11 ta' Ottubru, 1984 (Dok A) gie dikjarat li l-konvenuti silfu lil missier l-attrici, illum mejjet Abraham Farrugia u lilha solidalment is-somma ta' tmin telef u erba mitt lira Maltija (Lm8,400) bil-kundizzjonijiet hemm imsemmija; illi l-konvenuti pprocedew b'kawza kontra l-attrici u missierha ghar-rifuzjoni tal-ammont allegatament misluf, fuq il-premessa li ma thallas xejn mill-ammont misluf (citazzjoni numru 358/89 JDC fl-ismijiet **Mary Filippa Bondin et vs Abraham Farrugia et**, kawza li ghadha pendenti u differita ghat-30 ta' Ottubru, 1995; illi l-konvenuta in kontroezami fis-seduta tal-31 ta' Mejju 1995 ikkonfermat li l-flus mislufa fil-11 ta' Ottubru 1984, data tal-iskrittura, ma kienux fl-ammont indikat fl-istess skrittura; illi ghalhekk il-kunsens tal-attrici ma kienx jiswa billi ittiehed bi zball li jaqa' fuq is-sustanza nnifisha tal-oggett tal-ftehim, bi vjolenza kontriha, meta kienet biss xebba ta' xi ghoxrin sena u b'qerq u ghemil doluz da parti tal-konvenut u l-istess missierha; illi l-obbligazzjoni saret fuq kawza falza – tmint elef u erba' mitt liri (Lm8,400) mentri hu ammess mill-konvenuta li dik in-nhar thallsu biss tlett elef lira (Lm3,000) u illi d-differenza ta' hamest elef u erba' mitt lira, (Lm5,400), tammonta ghall-kawzali illecita billi tinkludi hlas ta' imghaxijiet ferm in eccess ta' dak permess mil-ligi u ghalhekk l-obbligazzjoni legalment m'ghandha l-ebda effett; illi b'verbal registrat fis-seduta tal-31 ta' Mejju, 1995, l-attrici nghatat terminu ta' xahar biex tiddeduci l-pretensjoni taghha biex timpunja l-iskrittura quddiem il-Qorti kompetenti b'kawza '*ad hoc*' liema terminu gie mgedded sas-16 ta' Ottubru 1995 b'rikors kongunt tat-8 ta' Settembru 1995;

Dan premess l-attrici tablet li dik il-Qorti:-

1. tiddikjara li l-kunsens tal-attrici fuq l-iskrittura imsemmija ittiehed bi zball, bi vjolenza u b'ghemil doluz da parti tal-konvenuti u missierha u li l-obbligazzjoni giet mghamula fuq kawza falza u illecita, u ghalhekk hi nulla u bla effett fil-ligi; u

2. konsegwentement tiddikjara li l-iskrittura tal-11 ta' Ottubru 1984 (dokument 'A') hi nulla u bla effett fil-ligi u tordna r-rexissjoni taghha;

Bl-ispejjes, u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni;

B'nota pprezentata fil-15 ta' Frar, 1996 il-konvenuti eccepew:-

Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt ghaliex mhuwiex minnu li l-kunsens tal-attrici kien vizzjat kif allegat mill-attirci u lanqas ma hu minnu li l-obbligazzjoni hija bazata fuq kawza falza u illecita;

Illi bla pregudizzju ghas-suespost l-eccipjenti jirrilevaw li l-uzura - meta din tezisti - ma tirrendix l-obbligazzjoni nulla izda semmai tirriduci l-ammont dovut;

**Is-sentenza appellata.**

Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili ddisponiet minn din il-vertenza b'sentenza moghtija fl-24 ta' Ottubru, 2008 bil-mod segwenti:
"Ghal dawn il-motivi:

"Tiddeciedi dwar it-talbiet attrici billi tiddikjara li l-obbligazzjoni in kwestjoni giet mghamula fuq kawza falza u illecita billi hemm inkluzi fis-somma indikata fl-iskrittura imghaxxijiet mohbija li huma kalkolati b'rata ferm superjuri ghar-rata permessa mill-ligi u konsegwentement tiddikjara li s-self li sar permezz tal-imsemmija iskrittura tal-11 ta' Ottubru 1984 ghandu jitqies li sar ghall-ammont ta' sitt elef disa mija u tmienja u tmenin euro u tnax il-centezmu (€6988.12) bl-imghax tat-tmienja fil-mija (8%) pagabbli mid-data ta' din is-sentenza;

"L-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenuti."

U dan wara li ghamlet is-segwenti kostatazzjonijiet u konsiderazzjonijiet:
"**Ikkonsidrat:-**

"L-attrici qed titlob li iskrittura tal-11 ta' Ottubru 1984 li kienet saret mill-istess atrrici u missierha fuq naha wahda u l-konvenuti konjugi Bondin fuq in-naha l-ohra tigi dikjarata nulla u li tigi ordnata r-rexissjoni tal-istess skrittura u dan wara li jigi dikjarat li l-kunsens tal-attrici ghar-rigward tal-imsemmija skrittura kien vizjat bi zball, bi vjolenza u b'ghemil doluz da parti tal-konvenuti kif ukoll da parti ta' missierha u ghalhekk l-obbligazzjoni kif kontenuta fl-iskrittura saret fuq kawza falza u illecita. Dawn it-talbiet saru wara li l-attrici ppremettiet li bl-imsemmmija skrittura gie dikjarat li l-konvenuti silfu lill-missier l-attrici, Abraham Farrugia, illum mejjet, u lilha solidalment is-somma ta' tmint elef u erba mitt lira maltija (Lm8400) bil-pattijiet u kondizzjonijiet kif kontenuti fl-istess skrittura. Illi l-konvenuti ghamlu kawza, li ghadha pendenti, ghar-rifuzjoni tal-imsemmi ammont u f'liema kawza l-attrici (konvenuta fl-imsemmija proceduri l-ohra) kkonfermat li l-ammont ta' flus kif indikat fl-imsemmija skrittura ma kienx effettivament l-ammont li kien gie misluf. Ghalhekk il-kunsens tal-attrici ma kienx validu u ttiehed bi zball dwar is-sustanza tal-oggett tal-ftiehem, bi vjolenza kontriha, meta kienet biss xebba ta' xi ghoxrin sena u b'qerq u ghemil doluz da parti tal-konvenuti u l-istess missierha. Inoltre l-obbligazzjoni in kwestjoni saret fuq kawza falza peress li skont l-attrici l-ammont misluf kin effettivament biss ta' tlett elef lira (Lm3000) u li d-differenza ta' hamest elef u erba mitt lira (Lm5400) tirreferi ghall-kawzali illecita li tinkludi mghaxijiet ben in eccess ta' dak permess mill-ligi;

"Il-konvenuti qed jeccepixxu li mhux minnu li l-kunsens tal-attrici kien vizzjat u lanqas ma hu minnu li l-obbligazzjoni hija bazata fuq kawza falza u illecita. Jeccepixxu inoltre li fi kwalunkwe kaz l-uzura, jekk pruvata, ma thassarx l-obbligazzjoni izda semmai l-ammont dovut jigi ridott. Fid-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti, huma kkonfermaw li kienu ilhom is-snin jisilfu l-flus lill-missier l-attrici u wara lill-istess attrici u kkonfermaw li ghar-rigward tal-ammont in kwestjoni l-konvenuti accettaw li jselfu lill-missier l-attrici ammont pjuttost konsistenti izda biss permezz ta' skrittura u b'xi forma ta' garanzija. Huma jammettu li seta sar zball meta fl-iskrittura ma giex dikjarat

li parti mill-ammont kien gja inghata lil missier l-attrici qabel dakinhar. Dan pero', semmai, kien zball li ma jeffettwax is-sustanza tal-ftehim peress li l-ammont dikjarat li gie misluf kien korrett. Inoltre fl-imsemmija proceduri l-ohra, l-attrici (konvenuta fl-istess proceduri l-ohra) ma semmiet xejn dwar li l-kunsens taghha kien b'xi mod vizzjat;

"L-imsemmija skrittura giet esibita f'dawn il-proceduri. Jirrizulta li permezz ta' din l-iskrittura il-konvenuti konjugi Bondin selfu lill-Abraham Farrugia, illum mejjet, u lill attrici, li tigi bint l-istesss Farruga, in solidum bejnithom, is-somma ta' tmint elef u erba' mitt lira maltin (Lm8400), minghajr imghax. L-imsemmija somma kellha tithallas lura f'pagamenti ta' mhux anqas minn erbghin lira (Lm 40) kulljum, ad eccezzjoni, tal-Hdud u l-ewwel pagament kellu jsir fil-15 ta' Ottubru 1984. F'kaz illi d-debituri jibqghu morusi fil-pagamenti f'somma ekwivalenti ghal mija u ghoxrin lira maltin (Lm120) jew aktar, il-bilanc kollu jsir dovut a semplici domanda ta' xi wiehed tal-kredituri u inoltre l-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena kellu jibda jiddekorri fuq il-bilanc kollu dovut;

"L-attrici qed ssostni li l-kunsens taghha ghar-rigward tal-imsemmija skrittura kien vizzjat u li l-obbligazzjoni naxxenti mill-istess skrittura hi bbazata fuq kawza falza u illecita. B'mod partikolari l-attrici qed issostni li l-kunsens taghha kien vizjat bi zball, bi vjolenza u b'ghemil doluz da parti tal-konvenuti kif ukoll da parti ta' missierha. Tallega ukoll li l-ammont indikat fl-iskrittura ma kienx l-ammont li gie effettivament misluf. F'dan ir-rigward l-attrici ssostni li l-ammont misluf kien effettivament biss tlett elef lira (Lm3000) u d-differenza ta' hamest elef u erba mitt lira maltin (Lm5400) tirreferi ghall-kawzali illecita peress li din l-ahhar somma tirrappresenta imghaxijiet li huma zgur in eccess ta' dawk l-imghaxxijiet permessi mill-ligi. B'hekk skont l-attrici l-obbligazzjoni in kwestjoni saret fuq kawza illecita u llegali;

"Il-fatti li jirrizultaw u li huma rilevanti ghall-finijiet ta' dawn il-proceduri huma s-segwenti:

"(a) Missier l-attrici, cioe' Abramino Farrugia, llum mejjet, notorjament kien ta' spiss u regolarment jissellef flus fuq l-idejn. Kien jissellef minghand diversi persuni, inkluzi l-konvenuti, missier il-konvenuta, hu il-konvenuta u membri ohra tal-familja tal-konvenuta. Ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, facilment l-istess Abramino Farrugia seta sar vittma ta' uzurai, li jsellfu flus fuq l-idejn b'imghaxxijiet gholjin hafna u li jissuperaw sewwa l-imghaxxijiet li huma permessi mill-ligi;

"(b) Abramino Farrugia kien hallas lura parti mis-somma indikata fl-iskrittura mertu ta' dawn il-proceduri, pero' l-konvenuti qatt ma hargu ricevuta u inoltre l-isress konvenuti qed jippretendu l-hlas lura tal-ammont kollu kif indikat fl-istess iskrittura;

"(c) Meta saret l-iskrittura Abramino Farrugia rcieva biss tlett elef liri maltin (Lm3000). Il-konvenuta mhux kredibbli (u in effett hu inverosimili) meta qalet li l-kumplament tal-flus inghataw f'zewg okkazjonijiet sussegwenti ghal l-iffirmar tal-istess skrittura. Il-konvenuta lanqas ma tat raguni ghala ma nghatatx is-somma kollha indikata fl-iskrittura meta saret l-istess iskrittura;

(d) Kull meta l-imsemmi Abramino Farrugia kien ikollu xi flus f'idejh huwa kien notorjament jew jilghabhom jew kien juzhom biex ihallas l-imghaxxijiet fuq self iehor, li jkun inghata lilu precedentement fuq l-idejn u ghalhekk probabilment ukoll bl-uzura;

"Kwantu ghal pretensjoni tal-attrici li l-kunsens taghha ghar-rigward tal-imsemmija skrittura kien vizzjat ghandu jinghad li jidher li l-attrici deheret fuq l-iskrittura u obbligat ruhha in solidum ma missierha ghaliex il-konvenuti riedu garanzija ulterjuri ghar-rigward tal-hlas lura tas-somma kollha indikata fl-istess skrittura. Jista jkun li l-attrici ma kinitx taf ghaliex missierha kien hadha mieghu ghand in-nutar, li fil-presenza tieghu giet iffirmata l-iskrittura in kwestjoni. L-attrici pero' setghet indunat, meta kienet fl-ufficju tan-nutar, x'kien ser jigri u xorta wahda hi ffirmat l-iskrittura. L-attrici kienet taf li missierha kien jilghab u kien regolarment jissellef u konsegwentement kellu ihallas lura

anke l-imghaxxijiet fuq is-self. Jidher ukoll li kieku riedet l-attrici setghet irrifjutat li tiffirma. Ma jirrizultax li l-konvenuti bi vjolenza jew b'minacci kkostringewha tiffirma. In effett l-attrici stess tikkonferma li kienet taf x'qed taghmel meta iffirmat l-iskrittura;

"Ghalhekk ma jistax jinghad li l-kunsens tal-attrici ittiehed bi vjolenza da parti tal-konvenuti. Kif gie ritenut diversi drabi mill-Qrat tghana (vide sentenza fl-ismijiet "Joseph Busuttil nomine vs Anthony Zahra deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-25 ta' Marzu 2004) il-vjolenza, bhala vizzju tal-kunsens, trid tiirrizulta li kienet determinanti sabiex xi parti tobbliga ruhha versu l-parti l-ohra. Irid ikun hemm minacci serji tant li l-parti in kwestjoni ma setghetx tghamel iehor hlief tissottoskrivi l-obbligazzjoni partikoari in kwestjoni;

"Ghandu jkun hemm prova ta' minaccja u ta' vjolenza fizika reali u serja. Ghal kuntrarju jekk jirrizulta li l-parti in kwestjoni tkun taf x'qed tghamel u li qed tobbliga ruhha versu l-parti l-ohra, l-istess obbligazzjoni m'ghandiex tigi mhassra;

"Peress li l-attrici stess tammetti li kienet taf x'qed tghamel meta ffirmat l-iskrittura u konsegwentement kienet taf li qed tobbliga ruhha versu l-konvenuti, ma jistax jinghad li l-kunsens taghha ttiehed bi zball. Ma jirrizultax li kien hemm xi zball li gieghel lill-attrici tiffirma u lanqas ma jirrizultax li kien zball dwar is-sustanza tal-obbligazzjoni assunta fl-iskrittura in kwestjoni. Lanqas ma jirrizulta mill-provi li kien hemm xi eghmil doluz da parti tal-konvenuti bil-ghan li l-attrici tassumi l-obbligazzjoni in kwestjoni versu l-istess konvenuti. Ma jirrizultax li b'xi mod il-konvenuti ngannaw lill-attrici sabiex tassumi l-obbligazzjoni in kwestjoni. Ma jirrizultax li b'xi mod il-konvenuti rraggiraw l-attrici u li minnghajr tali raggiri l-attrici ma kienitx tiffirma. F'dan ir-rigward jista jkun li l-attrici giet ingannata biex tiffirma minn missierha. L-istess missierha pero' mhux parti f'din il-kawza u kwindi x'seta ghamel missier l-attrici hu rrilevanti ghal finijiet ta' dawn il-proceduri. Effettivament l-ingann irid jirrizulta li sar mill-

konvenuti bil-ghan li l-attrici tkun kostretta tiffirma l-iskrittura. Dan zgur li ma jirrizultax;

"Kwantu ghal pretensjoni tal-attrici fis-sens li l-obbligazzjoni, naxxenti mill-iskrittura in kwestjoni, hi bbazata fuq kawza falza u illecita ghandu jinghad li kawza hi llecita u falza meta jirrizulta li l-obbligazzjoni jew ir-raguni ghaliex saret l-istess obbligazzjoni hi pprojbita mill-ligi jew tmur kontra dak li hu eghmil xieraq jew tmur kontra l-ordni pubbliku. Obbligazzjoni bhal din m'ghandux ikollha effetti legali;

"Fl-opinjoni tal-Qorti jirrizulta sufficjentement pruvat li, meta giet iffirmata l-iskrittura, effettivament il-konvenuti sellfu lill-Abramino Farrugia u lill-attrici biss is-somma ta' tlett elef liri maltin (Lm3000). Il-kumplament tas-somma imsemmija fl-iskrittura hu kollu imghax mohbi b'rata li tissupera sewwa r-rata tal-imghax permessa mill-ligi. Dan jirrizulta mir-rizultanzi, gia indikati fil-presenti sentenza, u cioe' li missier l-attrici notorjament kien jissellef fuq l-idejn u dan iwassal inevitabilment ghal self bl-usura. Din l-okkazzjoni in kwestjoni ma kinitx l-ewwel darba li Abramino Farrugia ssellef minnghand il-konvenuti. Jirrizulta li in effett l-istess Farrugia hallas lura parti biss, zghira kemm hi zghira, mis-somma in kwestjoni, pero' l-konvenuti qed jippretendu l-hlas lura tas-somma kollha. Dan kollu, fl-opinjoni tal-Qorti, hu indikattiv li fit-transazzjoni in kwestjoni kien hemm imghaxxijiet mohbija. Barra minn hekk il-konvenuta stess tammetti li meta saret l-iskrittura Abramino Farrugia rcieva biss tlett elef liri maltin (Lm3000). Kif gia rilevat mhux kredibbli l-konvenuta meta qalet li l-bilanc nghata sussegwentement ghal firma tal-iskrittura;

"Il-fatt li, skont il-kontenut tal-iskrittura, s-self sar minnghajr imghax, u tenut kont tal-agir fil-passat, kemm ta' Abramino Farrugia kif ukoll tal-konvenuti, jindika indubbjament li fis-somma indikata fl-iskrittura hemm imghaxxijiet bl-usura moghbijin. Effettivament in-nutar li quddiemu giet iffirmata l-iskrittura, meta xehed f'dawn il-proceduri, ma eskludiex li fis-somma imsemmija fl-iskrittura kien hemm inkluzi xi imghaxxijiet;

"In vista tal-premess jirrizulta abbundantement pruvat li s-self kien biss talm3000 u l-kumplament kien imghax bl-usura. Ghalhekk huma appikabbli l-provedimenti tal-artikolu 1852(1) tal-Kap 16 li jipprovdi li l-imghax ma jistax jaqbez ir-rata specifikata fl-stess artikolu u s-sub-artikolu (2) tal-istess artikolu li jipprovdi li l-imghax, li jkun gie miftiehem b'rata aktar mir-rata permessa mill-ligi, ghandu jigi mnaqqas sal-limiti preskritti mill-ligi. In vista ta' dawn il-provedimenti s-self li sar permezz tal-imsemmija skrittura ghandu jitqies li sar ghall-ammont talm3000 ekwivalenti ghal sitt elef disa mija u tmienja u tmenin euro u tnax il-centezmu (€6988.12). Ghalhekk l-attrici trid thallas lura lill-konvenuti s-somma ta €6988.12 u dana bla imghax, skont kif indikat fl-iskrittura. L-imghax semplici tat-tmienja fil-mija (8%), pero', ghandu jibda jiddekorri fuq l-imsemmi ammont mid-data ta' din is-sentenza. Ma jirrizltax ghal kemm kienu jammontaw il-hlasijiet li ghamel Abramino Farrugia ghar-rigward tas-somma mislufa fl-iskrittura in kwestjoni. Hu probabbli li dawn l-ammonti ma kienux ammonti kbar u ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, hu ekwu u gust li dawn l-ammonti ma jigux konsidrati ghar-rigward tal-ammont misluf u tal-imghaxxijiet legali li setghu kienu dovuti u dan anke in vista taz-zmien li ghadda minn meta giet iffirmata l-iskrittura;"

Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati bis-sentenza fuq riportata u ghalhekk, b'rikors intavolat fit-13 ta' Novembru, 2008, talbu li din il-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha f'dik il-parti fejn iddecidiet li l-imghax fuq id-debitu ghandu jiddekorri mid-data tal-istess sentenza minflok mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali fil-25 ta' Awwissu 1988 jew mid-data tal-prezentata tal-kawza fl-ismijiet **Maria Filippa Bondin et vs Abraham Farrugia et** (Citazz Nru 358/89 GC), u tirrevokaha wkoll f'dik il-parti nkwantu ddecidiet li l-ispejjez kollha tal-kawza odjerna ghandhom jigu sopportati mill-konvenuti appellanti minnflok iktar ekwu distribuzzjoni tal-ispejjez gudizzjarji skont ir-rispettiv rebh u telf.

L-attrici appellata Silvana Caruana pprezentat risposta ghar-rikors fuq imsemmi fejn issottomettiet li s-sentenza

appellata hija gusta u li, anke ghar-ragunijiet hemm moghtija, timmerita konferma u l-appell michud.

**Ikkunsidrat:**

Minn qari tar-rikors tal-appell jidher li l-konvenuti appellanti mhux qed jappellaw minn dik il-parti tas-sentenza fejn gie deciz li l-ammont ta' debitu pagabbli skont l-iskrittura datata 11 ta' Ottubru, 1984 "*ghandu jkun ta' sitt elef disa' mija u tmenin ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12) [cioe` LM3,000] minflok dsatax-il elf hames mija sitta u sittin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€19,566.74)[cioe` LM8,400] kif hemm dikjarat"* u dan billi hassew li forsi din il-Qorti, fuq skorta ta' gurisprudenza precedenti, ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi li sar mill-ewwel Qorti. Dan, naturalment huwa dritt tal-appellanti u ma ghandu bl-ebda mod jirrifletti fuq l-agir ta' din il-Qorti.

Dan premess jirrizulta li l-appellanti ressqu zewg aggravji kontra s-sentenza appellata. Dawn jikkoncernaw:

a) id-decizjoni tal-ewwel Qorti li takkorda imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mid-data tas-sentenza appellata;

b) li akkollat lill-konvenuti l-ispejjez kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat:**

Dwar l-ewwel aggravju qed jigi rilevat li, fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti ma ddikjaratx l-iskrittura tal-11 ta' Ottubru, 1984 bhala nulla izda ddikjarat li s-self li kien sar kien jammonta ghas-somma ta' LM3,000 u mhux l-ammont hemm indikat u li dan kellu jintradd lura bla imghax, kif jinghad fl-ewwel klawsola tal-imsemmija skrittura. Dwar dan pero` qed jigi sottomess li ghalkemm din il-klawsola teskludi l-hlas tal-imghax fuq l-ammont misluf, l-istess klawsola tirrizerva l-kwistjoni tal-imghax ghal dak li jinghad aktar l'isfel fl-iskrittura billi l-klawsola numru wiehed tal-imsemmija skrittura filwaqt li tghid li s-self ghandu jkun minghajr ebda imghax tkompli hekk "*hlief fil-kazijiet kontemplati aktar 'il quddiem f'din l-iskrittura."* Infatti l-klawsola numru tlieta (3) tal-istess skrittura tikkontempla li, fil-kaz ta' morozita`, jibda jiddekorri imghax

bir-rata ta’ 8% fuq kull bilanc rimanenti u dan mid-data tal-ittra interpellatorja.

Is-sottomissjoni tal-appellanti hija ghalhekk fis-sens li gialadarba l-iskrittura giet rikonoxxuta bhala valida ghandu japplika bejn il-kontraenti dak li gie konvenut bejniethom dwar hlas tal-imghax u l-imghax jibda jiddekorri mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal-25 ta’ Awwissu, 1988 (li kopja taghha giet ezebita mar-rikors tal-appell) u cioe` mill-1 ta’ Settembru, 1988.

Din il-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, taqbel ma’ din is-sottomissjoni billi jidher car mis-sentenza appellata li ghalkemm mhux ghall-ammont kollu hemm indikat, l-iskrittura tal-11 ta’ Ottubru, 1984 qeghdha tigi rikonoxxuta bhala valida, u dwar dan ma sar ebda appell. Issa la darba twarrbet il-kwistjoni tal-uzura, in vista ta’ dak li gie deciz fis-sentenza appellata u minn liema pronunzjament ma sar ebda appell, mhux gustifikat li ma jigix ordnat il-hlas tal-imghax skont kif provdut fl-istess skrittura. F’dan ir-rigward issir riferenza ghall-Artikolu 1849 ta’ Kap. 16 li jiddisponi li “*Ma hemmx imghax ghall-mutwu jekk ma jkunx miftiehem, …… kemm-il darba min jissellef ma jroddx il-hwejjeg lilu mislufa fiz-zmien miftiehem, jew fiz-zmien illi, meta ma jkunx hemm ftehim, jigi moghti mill-Qorti.*” Jekk f’kaz ta’ morozita` hemm dritt ghall-imghax anke fejn dan ma jkunx gie miftiehem, *multo magis* dan l-obbligu jissusiti kemm-il darba l-imghax ikun kontemplat fl-iskrittura fl-eventwalita` ta’ morozita`.

Lanqas ma jista’ jkollha xi riflessjoni fuq il-hlas tal-imghax il-fatt li l-obbligazzjoni kienet tikkontempla l-uzura u dan billi l-Artikolu 1852 (2) tal-Kap. 16 jipprovdi li l-imghax miftiehem f’izjed mir-rata ta’ 8% jigi mnaqqas ghal din ir-rata u ma hemm ebda sanzjonijiet ohra kontemplati. Dan l-aggravju ghalhekk jirrizulta gustifikat.

**Ikkunsidrat:**

Dwar it-tieni aggravju u cioe` l-ingustizzja li l-appellanti jigu kundannati jhallsu l-ispejjez kollha tal-kawza, jidher ukoll li l-appellant huwa gustifikat. Infatti minn qari tac-

citazzjoni u s-sentenza appellata jirrizulta ampjament li t-talbiet attrici ma gewx akkolti billi la gie dikjarat li l-kunsens tal-attrici kien vizjat u lanqas ma giet dikjarata nulla l-iskrittura ta’ self. Huwa minnu li s-sentenza kellha ezitu favorevoli ghall-attrici inkwantu gie dikjarat li l-iskrittura ta’ self kienet affetta b’uzura u li d-debitu gie konsegwentement ridott konsiderevolment, izda dan ma kienx l-iskop ewlieni tal-proceduri odjerni. Ikun ghalhekk xieraq li, prevja l-akkoljiment ta’ dan l-aggravju, l-ispejjez kollha, kemm dawk in prim istanza kif ukoll ta’ dan l-appell jigu sopportati mill-kontendenti ugwalment u cioe` nofs mill-konvenuti u nofs mill-attrici.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-appell tal-konvenuti qed jigi milqugh u konsegwentement is-sentenza appellata qed tigi riformata billi qed tigi revokata dik il-parti mid-decide fejn gie ordnat li l-imghax ta’ tmienja fil-mija (8%) jibda jiddekorri mid-data tas-sentenza u tordna minflok li l-imghax ta’ 8% fuq is-somma ta’ tlett elef lira Maltin ossia sitt elef disa’ mija tmienja u tmenin ewro u tnax-il centezmu (€6,988.12c) jibda jiddekorri mill-1 ta’ Settembru tas-sena elf disa’ mija tmienja u tmenin (1/9/1988) u cioe` mid-data tan-notifika tal-ittra ufficjali tal-25 ta’ Awwissu, 1988; tirrevoka ukoll dik il-parti tas-sentenza appellata fejn gie ordnat li l-ispejjez kollha jithallsu mill-konvenuti u tordna li l-ispejjez kollha kemm dawk in prim istanza kif ukoll ta’ dan l-appell jithallsu nofs mill-attrici u nofs mill-konvenuti. Ghall-bqija tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------